SANNAT

Minuti tal-erba' u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1131 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 23 li saret fit-30 ta' Settembru 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

1132 *(para. 1008)* Il-kumpanija Alfa Company Ltd. li kellha l-irħas offerta ġabet il-photo copier u l-cabinet għall-prezz ta' €1,400.

1133 *(para. 1010)* Rigward il-proġett tal-Unjoni Europea, Measure 323 għall-bini tal-ħajt tas-sejjieħ f'Ta' Saguna, il-perit għamel applikazzjoni oħra għand il-MEPA, minn dik tall-Bidwi Park għaliex riedu li ssir waħda separata minn dik tal-Bidwi Park. Saret laqgħa mal-*Managing Authority tar-Rural Development Department* tal-EAFRD fejn ġie diskuss l-implimentazzjoni tal-proġett. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, is-Segretarju u l-perit Scerri. Il-perit qal li għandu d-dokumenti tat-tender lesti u trid toħroġ is-sejħa għall-offerti sa laqgħa oħra li ser issir fit-28 ta' Jannar 2011. Iridu jsiru t-Tabelli riġward il-proġett u jiġu ppublikati fuq il-gazzetti. Issemmiet wkoll li l-applikazzjoni l-oħra tal-Bidwi Park aktarx li ser tiġi approvatawukoll fil-bidu tas-sena d-dieħla.

1134 *(para. 1011)* It-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern għamlet laqgħa ma' John Grima u l-avukat tiegħu rigward il-pendenza li hemm dwar id-delinazjoni tal-konfini tal-art proprjeta' ta' Dipartiment tal-Proprjeta' tal-Gvern ma' Ganni Grima, fejn inbena l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill, Sar qbil bejniethom li jinħatar perit indipendenti li ser ikun arbitru biex jirriżolvi l-pendenza. Fuq parir tal-perit intbagħtet ittra mill-avukat tal-Kunsill lit-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern sabiex il-Kunsill jitħalla jipparteċipa attivament fl-atti tal-arbitraġġ in kwistjoni għaliex hu konvint li qiegħed isir attentat sabiex tinsteraq art li ġiet devoluta lill-Kunsill. Lil John Grima nħariġlu l-permess tal-MEPA għal bini fuq din l-art.

SANNAT

1135 L-IPSL, kitbu lill-Kunsill li l-ħaddiema qiegħdin fuq proġetti kbar u għalhekk ma jistgħux jibgħatuhom ta' Sannat biex inaddfu l-culvert ta' Triq il-Gruwa. Għandha tinkiteb ittra lil IPSL fejn jiġu mitluba jinfurmaw lill-Kunsill meta ser ikunu jistgħu jiġu dawn il-ħaddiema.

1136 *(para.1012)* Rigward il-kwotazzjonijiet 4, 5, 6 tal-2010, il-Kunsill kien kiteb lil dawk il-kuntratturi kollha li ma ġewx skwalifikati sabiex jagħtu l-informazjoni li għandhom nieqsa. Ħadd ma bagħat l-ispeċifikazjonijiet u l-informazzjoni li kellu nieqsa. Kull minn kellu xi diffikulta' ġie mitlub jikkuntattja lill-perit tal-Kunsill biex jipprovdi d-dokumentazzjoni li għandu nieqsa. Ċempel Joseph Magro l-uffiċċju tal-Kunsill u qal li hu mhux ser jagħti informazzjoni iżjed milli għandu għaliex kien ippreżenta kollox. Dan ġie għal laqgħa tal-Kunsill u qal li hu kien ippreżenta kollox. Rigward il-kwotazzjoni 6/2010 tal-Hire of a Vibrator Road Roller including driver and hire of labourers for patching works hu qal li ta kollox għaliex ippreżenta r-rittratti u kiteb kemm hu t-tunnillaġġ u l-wiesgħa tar-rombli tiegħu. Specifications tar-romblu dettaljati ma tax. Hu qed jippretendi li din għandha tingħata lilu u ma riedx ikellem lill-perit biex jekk għandu xi dokumentazzjoni nieqsa jippreżenthom. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa għal kuntratturi mal-perit tal-Kunsill.

1137 *(para.1014)* L-Speed Limits ta' Triq il-Kbira twaħħlu t-tabelli għat-traffiku *35km Zone u* inżebgħu dawk tal-art. Għad jonqos li titwaħħal tabella waħda.

1138 (*para. 1016*) Rigward il-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku saru diversi laqgħat bejn is-Sindki u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija, Tax-Xagħra, Ta' Sannat u tal-Munxar biex tittieħed deċiżjoni waħda bejn il-Kunsilli Lokali konċernati li ħarġu l-offerta flimkien. Kien sar qbil bejn il-Kunsilli ta' Tax-Xagħra, Ta' Sannat u Tal-Munxar li l-ammont ta' ħlas jinqasam skont kemm qed iħallsu bħalissa l-Kunsilli konċernati u tinħadem fuq erbat ijiem. Dan sar wara li saret laqgħa mal-kuntrattur il-KIP Għawdex fejn niżżlu l-prezz għal €565 minn €606 kuljum bejn l-erbgħa Kunsilli Lokali. Tax-Xewkija għadhom ma ddeċidewx għaliex qalu li l-prezz hu għoli ħafna. Wara l-laqgħa l-Kunsill Lokali tal-Munxar kitbu li ma qablux ma' dan il-ftehim u riedu li jinħadem skont il-popolazzjoni. Għal Kunsill ta' Sannat l-ispiża tiġi €405.16ċ fil-ġimgħa. Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija aktarx li mhux ser jidħlu fil-ftehim jekk il-prezz ta' €564 kuljum bejn kulħadd ma jitraħħassx. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm roħs fil-prezz jaċċetta l-offerta.

1139 (*para.1018*) Saret il-laqgħa pubblika dwar it-Traffic Management fil-lokalita' Ta' Sannat. Din saret nhar il-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 2010. Din il-materja tħalliet għal din il-laqgħa.

1140 *(para.1026)* Rigward iż-żbir ta' siġar, id-Dipartiment tal-Agrikultura kiteb lura lill-Kunsill li s-siġar tal-oleander jinżabru bejn Ottubru u Novembru, kif ukoll bejn Frar u Marzu waqt li dawk taż-żebbuġ jinżabru f'Jannar u fi Frar. Jekk is-siġar taż-żebbuġ ikunu xjuħ irridu l-permess tal-MEPA biex jinżabru għax ikunu protetti. Rigward iż-żbir tas-siġar taż-żebbuġ tal-playing field għandu jiġi kkuntatjat id-Dipartiment tal-Agrikultura sabiex jagħmlu dan bi ħlas.

1141 *(para.1049)* Rigward Memo 73/2010 – Inizjattivi Premju Lokalitajiet Indaf, il-Kunsill jingħata l-permess li l-attivita' ssir barra d-data stabilita u jingħata l-€120 bħala assistenza finanzjarja xorta waħda.

1142 *(para. 1056)* Rigward it-Transport għat-tfal ta' l-iskola primarja li kien isir wara nofsinhar, il-Kunsill kiteb ittra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn inġibdet l-attenzjoni li kawża tan-nuqqas ta' dan it-transport, ir-residenti qed jitilfu x-xogħol biex imorru jiġbru t-tfal, kif ukoll li


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

oħrajn qed imorru d-dar mingħajr ma jkunu akkumpanjati minn ħadd. Il-Kunsill għadu bla risposta.

1143 *(para.1062)* Iż-żgħażagħ fil-Kunsilli Lokali Żgħażagħ Ta' Sannat attendew għal konferenza rigward il-Kunsilli Lokali Żgħażagħ li kienu akkumpanjati mis-Sindku. Wara saret laqgħa oħra għalihom f'Malta. Kull lokalita' għandha tippreżenta proġett għal kompetizzjoni u l-aħjar tlieta jingħataw €10,000 biex jitwettqu l-proġetti rebbieħa fil-komunita tagħhom.

1144 *(para. 1079)* Waslet l-approvazzjoni mingħand il-Transport Malta sabiex jitwalu ftit ieħor id-*double yellow lines* fi Triq fi Triq Xabbata kantuniera ma' Triq Marsilja.

1145 *(para. 1087)* Pius Attard li ngħata t-tindif tal-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq tal-Gruwa li tinfed għal Triq Mġarr ix-Xini lesta ix-xogħol għajr biċċa żgħira fejn xi ħadd aktarx li għandu rampa biex jidħol fl-għalqa. Is-sid li hu bidwi mix-Xewkija għandu jiġi kkuntatjat ħalli jiġi vverifikat jekk dan għandux xi rampa.

1146 *(para. 1088)* It-tabella Merħba ta' Triq Mġarr ix-Xini saret minn Rafel Refalo u għandha titwaħħal fin-niżla tal-bajja, faċċata ta' Triq.

1147 Il-Kunsillier Joe Bajada ħalla l-laqgħa għaliex kien xogħol.

1148 *(para. 1089)* Rigward it-tender għall-Proviżjon u Installazjoni tal-*light fittings* għall-uffiċċju l-ġdid, il-Kunsill qabel li din it-tender ma tingħatax għaliex hi għolja ħafna. Għandha tinħareg tender/kwotazzjoni waħda għall-proviżjon tal-materjal u tender/kwotazzjoni għall-installazzjoni.

1149 *(para. 1091)* Franco Azzopardi, l-iSports Leader avża verbalment li mhux interessat li jerġa' jġedded il-kuntratt tiegħu. Hu qal li xorta waħda ser jibqa' jagħti l-għajnuna tiegħu.

1150 *(para. 1092)* Ħarget sejħa għall-offerti ta' tender tal-*Ready Mix Concrete u related material* u ser tagħlaq fid-29 ta' Diċembru 2010.

1151 *(para. 1094)* Is-Sindku ppropona li l-kuntratt tal-manutenzjoni tal-playing field ma jinħarigx u x-xogħol tal-manutenzjoni jingħata biċċa, biċċa. Xogħol bħal ħart u żbir tas-siġar isir mill-Kunsill billi iqabbad persuna biex tagħmel dan ix-xogħol. Salvu Buttigieg għandu jitqabbad jaħrat u jiżbor is-siġar u l-*hedges*.

1152 *(para. 1098)* Il-World Childrens Day saret nhar il-Ħadd, 14 ta' Novembru 2010. F'din l-attivita' kien hemm attendenza sabiħa.

1153 *(para. 1099)* Il-ħarġa għat-tfal fi żmien il-Milied ser issir fis-27 ta' Diċembru 2010. Il-*bag* tal-ħelu għat-tfal ser tiġi tiswa €1 kull persuna. Għaż-żgħażagħ ser issir ħarġa f'Malta u għall-anzjani ssir ikla f'Għawdex stess. Għandha tiġi armata l-grotta fil-pjazza.

1154 *(para. 1100)* Is-Sindku ppropona li flok jingħata pjanta bħala rigal lill-anzjani din is-sena jerġa' jagħti kaxxa gallettini lil kull anzjan jew iżjed li jkun hemm fid-dar. Il-Kunsillier Teddy Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu ma jaqbilx li l-flus jintefqu fuq affarijiet bħal dawn, imma għandhom jintefqu fuq proġetti. Is-Sindku semma li l-flus tal-manutenzjoni li hemm ivvutati għal din is-sena mhux ser jintefqu kollha u dawn għandhom jintużaw sabiex issir triq oħra bil-*hot rolled asphalt*. Il-Kunsillier Teddy Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm Triq l-20 ta' Lulju u l-Isqaq ta' Dun Nastas li ġa huma approvati mill-Kunsill sabiex jinksew

mill-ġdid għaliex hu kien għamel mozzjoni li ġiet approvata. Hu pprotesta u qal li dawn għandhom isiru l-ewwel u ħareġ 'il barra mill-laqgħa tal-Kunsill.

1155 *(para.1105)* Dwar il-culvert tal-ilma fi Triq tal-Gruwa, il-perit ser ikellem lil Eddie Mercieca, biex jagħmel survey tal-livelli ta' triq.

1156 *(para. 1110)* Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq it-28 ta' April 1688 hemm tlieta u tletin siġra tad-Dehru neqsin. Ta' l-Agrikultura qalu li ma għandhomx minn dawk it-tip ta' siġar. Wara kellimna lil Salvu Buttigieg tal-Flower Zone, li qal li ma sabx f'Malta. Wara sibna li Zammit Gardens ta' Malta għandhom minn dawn is-siġar. Dawn għandhom jiġu ordnati.

1157 *(para. 1109)* Il-bankina fiTriq l-10 ta' Ottubru 1942 ta' Salvu Buttigeig kantuniera ma' Triq Pisoniano fejn hemm il-flats, hemm parti minnha lesta u parti oħra le.

1158 *(para. 1111)* Dwar it-talba ta' Maria Hili, N.B. Triq l-10 ta' Ottubru 1942 sabiex issir bozza ġdida mad-dar tagħha ġie Mario Galea ta' Galea Curmi Consultants sabiex jinbeda l-proċess tal-applikazjoni.

1159 (*para.1112)* Dwar l-ilment ta' binja abbandunata fi Triq l-Ikxbiex li qed isir miżbla s-Segretarju talab l-indirizz ta' sid il-post sabiex tkun tista' tinkiteb l-ittra sabiex jagħlaq it-twieqi li huma ta' periklu.

1160 *(para. 1115)* Rigward it-talba ta' Ginja Camilleri, 167 Triq il-Kbira għal bozza ġdida fi Sqaq fi Triq il-Kbira magħruf bħala Tas-Soru ġie Mario Galea ta' Galea Curmi Consultants sabiex jinbeda l-proċess tal-applikazzjoni.

1161 *(para.1118)* Il-perit tal-Kunsill għamel kuntatt ma' Maria Buttigieg li l-familja tagħha qed fil-proċess li jibnu dar fi Triq Dun Luqa li tmiss ma' Triq Ta' Ċenċ rigward l-ilma tax-xita li qalet li qed jispiċċa ġewwa il-proprejta' tagħhom.

1162 *(para. 1120)* Rigward it-talba għal bozza ġdida ma' ta' 3 *Iris Court*, Triq il-Moxa, ġie Mario Galea ta' Galea Curmi Consultants sabiex jinbeda l-proċess tal-applikazzjoni.

1163 *(para. 1121)* Salvina Grima li riedet fanal miż-żgħar fi Triq Xabbata mad-dar tagħha ġiet il-Kunsill u qalet li ma tridx il-bozza. Il-Kunsill xorta qabel li din il-bozza tiġi ordnata jekk tiġi approvata.

1163 *(para. 1124)* Rigward Triq Sannat, il-Kunsill kiteb żewġ ittri lill-Ministeru għal Għawdex fejn jintalab informazzjoni dwar l-istudju li kellu jsir dwar l-ilma tax-xita li qed jgħaddi minn Triq Sannat. Dawn l-ittri nkitbu fil-4 ta' Ottubru u fid-9 ta' Novembru 2010.

1164 *(para. 1125)* Fi Triq Santa Maria twaħħlu t-tabelli rigward il-ħmieġ tal-klieb u d-*Dogs' litter bin*.

1165 *(para. 1128)* Dwar it-talba sabiex issir bollard f'kantuniera fi Triq l-20 ta' Lulju għad trid tittieħed deċiżjoni għaliex din it-triq hi dejqa ħafna.

**Item 3 Korrispondenza**

SANNAT

1166 Memo 138/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Il-kuntratt il-ġdid dwar il-provista tas-servizz tal-gwardjani lokali. Din ġiet ippublikata fit-22 ta' Novembru 2010.

1167 Memo 139/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari dwar il-ftehim mal-GreenMt u mal-Green Pak.

1168 Memo 140/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 21042.

1169 Memo 141/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 21041 dwar għoti ta' sponsorships lill-entitajiet pubbliċi.

1170 Memo 142/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 21046. dwar konferenzi Stampa organizzati mill-Kunsill Lokali.

1171 Memo 143/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 21070 dwar ġbir ta' skart b'emerġenza.

1172 Memo 144/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward attivitajiet fil-lokalitajiet b'Risq il-Malta Community Chest Fund.

1173 Memo 145/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ir-Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsilli Lokali.

1174 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward stedina mis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu, Ambjent u l-Kultura għall-Forum Nazzjonali tal-Wirt Kulturali.

1175 Fl-1 ta' Diċembru ser issir laqgħa għas-Sindki dwar il-pjan biex fl-2018 Malta tospita l-Belt Kapitali Europea tal-Kultura

1176 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kitbet dwar Training Seminar li ser jiġi organizzat mill-Malta Employers Association.

1177 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser twaqqaf ad *hoc Committee* biex ifassal rapport dwar l-organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi.

1178 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali li n-*notices* dwar informazzjoni fuq żvillupp, iridu jeħlu ma' *notice board* fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsilli huma mitluba sabiex jindikaw l-aħjar post fil-lokalita' tagħhom fejn tista' teħel din in-notice board. Il-Kunsill qabel li jirrakomanda li din in-*notice board* titpoġġa mal-ġemb ta' l-iskola fi Sannat Junction.

1179 Il-Transport Malta approvat 1.5m *keep clear* mar-residenza ta' Erminia Mcgoey li toqgħod fi 88, Triq il-Kbira għaliex kellha aċċident u ma tistax timxi.

1180 Sar qbil li l-offerta tal-Gillette li jagħtu *shaving blade* lil kull raġel li għandu 'l fuq minn tmintax-il sena tiġi approvata.

1181 Ittra li l-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilta' ser issir bejn it-3 u 10 ta' Diċembru 2010.

SANNAT

1182 Ittra mingħand Joseph Masini dwar il-programm Fejn se mmur? Li ser jixxandar fuq ir-Radio Kaditral fi żmien il-Milied.

1183 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li Mro. Stephen Attard bagħat lill-Kunsill Lokali tal-Munxar, Ta' Sannat u lill-Kappilani tal-Munxar u ta' Sannat rigward quddiesa li kkompona dwar il-Profs. Guże Aquilina. Hu qal li lest li jikkonċedi ftehim aċċettabli għal kulħadd.

1184 Ittra mingħand il-Fundazzjoni Temi Zammit rigward il-proġett CREAMED dwar il-Creativity and Innovation.

1185 Ittra mingħand Cornil Wamberguw tal-Gozo Adventures . Hu qal li għandu ntenzjoni li jixtri *mobile climbing wall* biex jagħti l-oppurtunita ta' esperjenza biex wieħed jixxabbat fil-lokalita'. Hu talab l-permess sabiex jagħmel dan. Dan jirrikjedi spazju ta' żewġ parking places fil-pjazza.

1186 Karmenu Grima li għandu l-Website Gozitanus.info. fejn offra li nġibu l-offerti u kwotazzjonijiet fuq il-website. Hu qal li dan is-servizz hu b'xejn. Il-Kunsill approva li l-avviżi tiegħu jibdew jixandru fuq din il-website li hi bla ħlas.

1187 Ittra mill-Ministeru għal Għawdex dwar l-iskema tal-Eko Għawdex li ġiet varata għal Kunsilli Lokali Għawdxin. Kull applikazzjoni trid tkun tkopri xi waħda mill-miżuri tal-Pjan t' Azzjoni Kull Kunsill jista japplika.

**Item 4. Attivitajiet għas-sena 2011**

1188 Is-Segretarju ppreżenta kopja tal-istima prevista u dik attwali tal-attivitajiet tas-sena 2010. L-attivitajiet għas-sena 2011 tħalliet għal darba oħra.

**Item 5 Sistema tat-Traffiku**

1189 Is-sistema tat-traffiku tħalliet għal darba oħra meta l-Kunsillier Teddy Bajada jkun preżenti.

**Item 6 Il-website tal-Kunsill**

1190 Is-Sindku qal li l-Website ser issir waħda ġdida li tinżamm updated. Din qed tinħadem minn Curmi minn Sannat. Hu talab lill-Kunsiliera sabiex jagħmlu messaġġ kull wieħed. Il-Kunsill għandu jipprova jġib xi riklami għal fuq il-website. Din il-website ser tiġi tiswa madwar €1,000.

**Item 7 Attivitajiet oħra għal żmien il-Milied**

1191 Għandha ssir ikla għal persuni li għandhom 'il fuq minn ħamsin sena. Din għandha ssir fid-29 ta' Diċembru 2010.

1192 Fit-30 ta' Diċembru 2010 għandha ssir ħarġa f'Malta għaż-żgħażagħ.

SANNAT

**Item 8. Materja Oħra**

1193 Rigward il-fanali tal-pjazza saret laqgħa mal-kuntrattur dwar il-ħsaret li qed ikun hemm fil-fanali tal-pjazza. Huma rrakkomandaw li jiġi installat RCD fi plastic mould tal-PVC magħluq f'kull fanal. B'hekk ikun faċilment li jinsab fejn hemm il-ħsara. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur li kien ipprovda u installa dawn il-fanali sabiex jiġi jiddentifika din l-problema li qed tiġri kull darba li qed tagħmel ix-xita.

1194 Il-Kunsill approva li tinxtara PBX system biex tintuża fl-uffiċċju preżenti u tkun tajba biex tintuża fl-uffiċċju l-ġdid.

1195 Rigward il-kontijiet pendenti tal-W.S.C għandha ssir laqgħa mal-W.SC. sabiex jiġu konklużi. Is-Segretarju qed f'kuntatt ma' Anglu Grech sabiex dawn il-pendenzi jiġu konklużi.

1196 Għandha tinxtara *money detector* għar-raġuni li jista' jkunu preżentati xi flus foloz waqt li jkunu qed jingħataw is-servizzi fil-Kunsill. Għandu jsir petty cash għal iskrivana l-ġdida.

1197 Rigward l-applikazzjoni PA 02708 /10 ta' Triq id-Daħla ta' Ċnus uffiċjal tal-MEPA minn Għawdex kiteb biex jitneħħew il-bankijiet, timber railing, landscaping ikun limitat biss fejn ma hemmx il-*habitats* u ma jsirx dawl fis-sit. Il-perit ħa ħsieb sabiex ikellem lill-MEPA għaliex sar żball mill-uffiċċju tagħhom f'Għawdex. Il-Kunsill qatt ma kien talab li jsir id-dawl f'dik is-sit.

1198 Nhar il-Ħamis, 2 ta' Diċmbru 2010 ser issir laqgħa tal-MEPA dwar id-*Determination of partial review of the Gozo and Comino Local Plan – Primary Government Institutions and Open Area policies.*

**Item 8. Ilmenti**

1199 Ittra mingħand il-pulizija b'risposta għal-ittra tal-Kunsill rigward *towing of derelict vehicles* fil-lokalita'. Il Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsill Lokali għandu l-istess drittijiet bħal pulizija biex ineħħi *derelict vehicles*. Din l-ittra ntbagħtet b'risposta għall-ittra li kien bagħat il-Kunsill rigward karozza li kien hemm fi Triq 20 ta' Lulju.

1200 Ilment mingħand il-KIP fejn talbu li jsir *double yellow lines* fuq naħa waħda ta' Triq Santa Maria biex ma jipparkjawx karozzi fuq ġenb wieħed biex ikunu jistgħu jgħaddu bl-iscamel mingħajr problemi.

1201 Giljan Farrugia ta' 73, Triq ta' Ċenċ, talab biex isir bozza ġdida ma' arblu eżistenti ħdejn il-ġibjun ta' Ċenċ għaliex hemmhekk hu mudlam ħafna. Il-Kunsill approva din il-bozza.

1202 Doris Cassar ta' 168, Triq il-Kbira u Guzeppa Camilleri ta' Triq il-Kbira talbu biex isiru tlett tabelli tal-ħmieġ tal-klieb fi Triq l-20 ta' Lulju, għaliex qed ikun hemm il-klieb iħamġġu t-triq. Huma pproponew li dawn it-tabelli jsiru waħda fejn ta' Gużeppa Camilleri, oħra vicin ta' Doris Cassar u oħra fil-bidu ta' triq ta' fejn il-*panel beater*.

1203 Ilment mingħand id-Dipartiment tas-Sanita' rigward ħmieġ li qed jinxeħet f'*side street* ta' Triq il-Kbira fejn għadu qed jinbena. Dwar dan l-istess ilment kien hemm Ingliża li kitbet lil Paul Buttigieg ta' *Save Hondoq* li bagħat kopja ta' l-email tagħha.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

1204 Ilment sabiex isir żbir ta' siġar taż-żebbuġ fi Tiq Dr. Anton Tabone għaliex qed jostakulaw il-mera ta' Traffiku. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Ministeru għal Għawdex sabiex dawn jinżabru.

1205 Is-Sindku qal li għandu ilment sabiex fi triq ġdida fi Triq Saguna ssir bozza ġdida għaliex hemm ħafna dlam. Din ġiet approvata.

1206 Rina Camilleri, ta' 21 Triq Palazz Palina ilmentat dwar ħmieġ li ssib fejn il-bieb tagħha, inkluż ħmieġ tal-klieb fuq il-bankina. It-triq ġa ġiet imnadfa u għandha titpoġġa tabella tal-klieb biex ma jħamġux. Din ġiet approvata.

1207 Rigward l-Skips on Wheels fejn qed jixħtu l-annimali mejtin għandha ssir notice mal-iSkips fejn tgħid li f'dawn l-Skips jista' jinxeħet skart domestiku biss. Għandu jingħad li ż-żona hi mgħassa bil-CCTV camera.

1208 Il-Viċi Sindku kellu jħalli l-laqgħa għaliex kellu xi ħaġa urġenti u għalhekk ma kienx għad hemm kworum.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535